MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2518/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala mandatarja tas-socjeta' estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Philip Alamango**

**vs**

**Ganni Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm462) rappresentanti hsarat ikkagunati lill-assigurat tas-socjeta attrici f'incident li sehh fit-23 ta' Awissu 2001 li ghalih huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta’l-avviz kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta’ Novembru 2002, fejn huwa eccepixxa:
1. Illi sa minn qabel saret il-kawza, qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti tal-konvenut jew ta’l-assikurazzjoni tieghu sabiex favur is-socjeta attrici noe bhala surrogata fid-drittijiet ta’l-assikurat taghha issir il-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu realment u attwalment subiti bhala konsegwenza diretta tal-incident in kwistjoni.
2. Illi sa minn qabel ma saret din il-kawza, il-kontestazzjoni bejn il-kontendenti kienet dwar il-quantum tad-danni li s-socjeta attrici noe qed tippretendi. Fil-fatt id-danni attrici noe huma esagerati u jmorru ben oltre l-quantum tad-danni li l-assikurat taghha realment u materjalment garrab bhala konsegwenza diretta tal-incident in esami. Ghalhekk bl-ammont li qed ikun pretiz, l-assikurat tas-socjeta attrici noe li fid-drittijiet tieghu l-istess socjeta attrici noe kienet surrogata naqas milli jimmitiga d-danni tieghu kif kien obbligat.
3. Fil-kaz li tirrizulta fondata l-eccezzjoni precedenti, l-eccipjenti m’ghandux ibati spejjez gudizzjarji u fl-istess waqt l-imghax legali ghandu jidekorri mid-data tas-sentenza u mhux kif pretiz mis-socjeta attrici noe.
4. Salvi ececzzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Sema' x-xhieda ta’ Philip Alamango, Mark Darmanin, Kurt Caruana, P.C. 403 James Grech, u ta’ Jeffrey Crockford.
.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi fil-kawza odjerna ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar ir-responsabbilta’ ghal incident fejn il-konvenut bil-vettura tieghu baqa’ diehel fl-electric shutter tal-parking area proprjeta ta’l-assikurat tas-socjeta attrici noe. Illi l-kontestazzjoni hija dwar il-*quantum* tad-danni stante illi l-assikurazzjoni tal-konvenut (li del resto ma hijiex parti f’din

il-kazwa) qieghda tikkontendi illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa esagerat.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi kienu ghaddejjin trattativi bejn is-socjeta attrici u l-assikurazzjoni tal-konvenut sabiex il-kwistjoni tigi transatta. Gara madanakollu illi l-assikurazzjoni tal-konvenut ma kenitx sodisfatt bis-survey report li sar mis-socjeta attrici stante illi l-istess ma kienx jindika l-ammont tad-danni, oltre il-fatt illi ma kenux qed jaqqblu illi s-shutter in kwistjoni kien *beyond economical repair* u li xtaqu ukoll ikunu jafu jekk kienx hemm xi valur li inghata ghas-shutter l-imkisser. Dawn il-kwistjonijiet baqghu imdendla u qatt ma gew finalizzati bil-konsgewenza illi s-socjeta attrici ipprocediet b'din l-istanza.

Illi huwa fatt illi ghalkemm l-konvenut kien iddelega lill-assikurazzjoni tieghu sabiex tiehu hsieb tghaddi ghal hlas tad-danni reklamati, madanakollu huwa l-istess konvenut li gie imharrek sabiex iwiegeb ghall-istess u fl-ebda mument l-konvenut ma deher jew xehed f'dawn il-proceduri. Lanqas hemm prova illi l-konvenut iddelega lis-socjeta assikuratrici tieghu sabiex tiehu hsieb tidher ghalih f'dan il-kaz. Inoltre, fl-ebda mument fil-proceduri ma gie esebiet il-kuntratt ta'l-assikurazzjoni bejn il-konvenut u l-assikurazzjoni tieghu u lanqas xi dokument li jindika illi huwa kien qieghed jiddelega il-kaz lill-assikurazzjoni. Illi it-trattativi ghalhekk li saru bejn l-assikurazzjonijiet rispettivi huma *res inter alios acta* u kwindi ma ghandhom bl-ebda mod inaqqsu mir-responsabbilta' tal-konvenut li iwegeb ghal hsara minnu ikkagjonati. Fuq kollox jekk l-konvenut bhala assikurat naqas li jaghmel il-*claim* tieghu ma'l-assikurazzjoni mal-ewwel u stenna madwar seba' xhur sabiex jaghmel dan bil-konsegwenza li l-assikurazzjoni tieghu ma kenitx f'posizzjoni taghmel *survey* hija stess, ta' dan in-nuqqas, ma ghandhiex tbati is-socjeta attrici noe.

Illi mid-dokumenti esebiti u senjatament mid-Dokumenti C,D u E esebieti a fol.14, 15,u 16, jidher illi s-shutter in kwistjoni kien *beyond economical repair* u kellu jigi rimpjazzat. Dana gie ukoll ikkonfermat minn Mark Darmanin, Managing Director ta' Uskin Limited li ha hsieb

ix-xoghol ta’ tibdil ta’ dan is-*shutter*. Illi min ezami ta’ dawn id-dokumenti kif ukoll mix-xhieda ta’l-istess Darmanin jidher illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici noe huwa wiehed gustifikat, dana tenut kont tal-fatt ukoll illi l-konvenut ma ressaqx l-icken prova sabiex juri illi l-valur ta’ dan ix-shutter huwa wiehed gholi.

Rigward il-kwistjoni jekk kienx hemm xi valur ghax-shutter l-antik, dana jidher lil inghata lill-istess Mark Darmanin u kwindi la is-socjeta attrici u wisq anqas l-assikurat taghha ma dahhlu xi flus in konnessjoni ma’l-istess. Inoltre anke f’dan ir-rigward l-konvenut ma irnexxielux jipprova illi dan ix-shutter imkisser kellu xi valur. Fuq kollox anke Jeffrey Crockford fix-xhieda tieghu jikkontendni illi l-assikurazzjoni kienet lesta li thallas is-somma ta’ Lm462 purche’ s-socjeta attrici tghaddilhom dokumenti li jindikaw kif wasslu ghal dan l-ammont, izda ighid illi huwa qatt ma irceva dawn id-dokumenti u lanqas ma rega’ talab ghalihom hu. Illi ghalhekk jidher illi r-raguni principali ‘il ghala din il-kwistjoni ma gietx risolta bejn il-partijiet kienet principalment minhabba nuqqas ta’ komunikazzjoni bejn iz-zewg assikurazzjonijiet, f’era meta is-sistemi ta’ komunikazzjoni huma avvanzati hafna!

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ erba’ mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm462), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta’ Ottubru 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------